GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI

Għeżież ġenituri/kustodji,

Qed ngħaddulkom din l-informazzjoni b'rabta mal-azzjoni industrijali msejħa mill-*Malta Union of Teachers* fl-iskejjel nhar it-Tnejn, 27 ta' Novembru 2023.

Nagħrfu l-ħtieġa li l-istudenti fl-iskejjel jingħataw edukazzjoni xierqa filwaqt li tiġi assigurata l-kwalità fis-servizz u jiġu mħarsa l-benesseri tal-individwu.

Nhar it-Tnejn, 27 ta' Novembru, l-iskejjel primarji u sekondarji tal-istat f'Malta u Għawdex se jkunu qed jiftħu l-bibien tagħhom strettament fil-ħinijiet tal-ftuħ uffiċjali tal-iskola. Dakinhar l-iskola se toffri biss servizz ta' superviżjoni u l-istudenti li mhux se jattendu se jiġu mmarkati *excused*. Mhux se jkun hemm bżonn nota jew ċertifikat mediku għal dakinhar. L-istudenti għandhom jinġabru mill-ġenitur jew kustodju legali sal-ħin normali li tispiċċa l-iskola u skont il-proċeduri li jintużaw is-soltu. Dan ifisser li s-servizz tal-*Breakfast Club* u Klabb 3-16 mhux se jkun provdut.

B'riżultat ta' evalwazzjoni li saret biex bħala prijorità tiġi mħarsa s-sigurtà ta' kull student, nhar it-Tnejn 27 ta' Novembru dawn is-servizzi **mhux** se jkunu qed joperaw:

- Trasport lejn u mill-iskola;
- Breakfast Club;
- Klabb 3-16;
- Il-Programmi tal-Litteriżmu tal-NLA.

Għal din ir-raġuni wkoll, il-*Learning Support Centres*, ir-*Resource Centres*, Gem 16+, Giovanni Curmi Higher Secondary, Sir MA Refalo Sixth Form u l-ALP mhux se jkunu miftuħin.

Ilkoll irridu l-ġid lit-tfal – għalhekk, filwaqt li napprezzaw il-kooperazzjoni tagħkom, infakkrukom li dawn il-miżuri li qed ninfurmawkom bihom għandhom fil-qalba tagħhom l-assigurazzjoni tas-saħħa u s-sigurtà ta' kull student.

Jekk għandek bżonn kjarifiki jew tixtieq aktar informazzjoni, se nkunu ta' servizz għalikom fuq 25981150, il-Ħamis, 23 ta' Novembru mis-1:00 sal-5:00; il-Ġimgħa, 24 ta' Novembru mis-7:30 sal-5:00; is-Sibt, 25 ta' Novembru u l-Ħadd, 26 ta' Novembru mis-7:30 sa 12:00 u t-Tnejn, 27 ta' Novembru mis-7:30 sal-17:00. Tista' wkoll tagħmel kuntatt fuq 153.

It-Tlieta, 28 ta' Novembru, hija ġurnata normali tal-iskola, bis-servizzi kollha li s-soltu jkunu provduti.

Tislijiet,

Matthew Vella
Segretarju Permanenti